IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

24 ta' Jannar 2015
11/2015

# POSTIJIET GHAT-TFAL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA FL-EWWEL SENA SEKONDARJA

Fis-26, 27 u 30 ta' Jannar ser jintlaqgħu l-applikazzjonijiet tat-tielet kriterju "Applikanti Oħra" għall-ewwel sena sekondarja għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2015-2016. Aktar dettalji jinsabu fir-Regolamenti tad-Dħul li jinsabu fuq il-websajt tal-Knisja f'Malta.

F'Novembru 2014 saru l-applikazzjonijiet skont l-ewwel kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw skont l-ewwel kriterju u kemm baqa' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja.

## L-Ewwel Sena Sekondarja Subien

It-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien huwa ta' mitejn tnejn u ħamsin (252) post.

Għall-ewwel sena sekondarja subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| | |
|---|---|
| *1b Aħwa* | 40 |
| *1ċ Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 3 |
| *1e Tfal minn skola bla kontinwità* | 83 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 28 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 5 |
| ***Total*** | **159** |

It-total ta' applikanti ta' skola bla kontinwità kien ta' 90 iżda 7 minnhom applikaw bil-kriterju tal-aħwa u bil-kriterju ta' skola bla kontinwità. Mal-postijiet okkupati qed jiġu riżervati ħames postijiet għal tfal li meta huma jew il-ġenituri tagħhom ġew Malta applikaw għall-ażil (refuġjati). Meta nnaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (159) mit-total ta' postijiet vakanti (252), iħalli total ta' tlieta u disgħin (93) post.

Għandna wkoll ħames applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakant. Jekk jinħoloq post vakant fl-iskola rilevanti dawn jinkitbu fiha.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org

**L-Ewwel Sena Sekondarja Bniet**

It-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja bniet huwa ta' sitta u erbgħin (46) post.

Għall-ewwel sena sekondarja bniet kellna dan it-total ta' applikanti:

| | |
|---|---|
| *1b Aħwa* | 4 |
| *1ċ Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 3 |
| *1e Tfal minn skola bla kontinwità* | 17 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 6 |
| ***Total*** | **30** |

It-total ta' applikanti ta' skola bla kontinwità kien ta' 18 iżda 1 minnhom applikat bil-kriterju tal-aħwa u bil-kriterju ta' skola bla kontinwità. Fl-iskejjel primarji ta' St Francis għandna aktar studenti milli jistgħu jiġu aċċettati fl-iskola sekondarja ta' St Francis. Għalhekk se jiġi riżervat post għal dawn l-istudenti. Peress li dan il-proċess għadu mhux konkluż, ma nistgħux niddeterminaw kemm se jkun in-numru ta' postijiet vakanti għall-"Applikanti Oħra" tat-tielet kriterju.

Għandna wkoll applikazzjoni għal skola li bħalissa ma għandhiex post vakant. Jekk jinħoloq post vakant fl-iskola rilevanti din tinkiteb fiha.

**Każijiet Serji**

Peress li n-numru tal-applikazzjonijiet ta' tfal bi bżonnijiet edukattivi tal-ewwel kriterju huwa kbir ħafna, l-iskejjel m'għandhomx iżjed postijiet vakanti għal tfal tat-tielet kriterju "Applikanti Oħra" li diġà għandhom LSA. F'din iċ-ċirkustanza se jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' tfal li qegħdin fil-proċess ta' statementing jew għandhom rapport psikoloġiku. Dan isir kif indikat f'paragrafu 13 tar-Regolamenti tad-Dħul tal-Każijiet Serji.

Il-Kummissjoni tal-Każijiet Serji tistudja dawn l-applikazzjonijiet. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-applikant probabilment mhux se jingħata LSA mill-i*Statementing Moderating Board*, l-applikazzjoni titqiegħed fil-Polza ta' Parteċipazzjoni. Peress li ma hemmx postijiet aktar għal tfal bl-LSA, ma hux possibli li jingħata post lil tfal li l-Kummissjoni tiddeċiedi li probabilment għandhom bżonn LSA. Mill-banda l-oħra se jkunu qed jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' Każijiet Soċjali.

**Konklużjoni**

Hemm ċans li fost l-applikanti oħra jkun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir jikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan japplika wkoll għall-aħwa bniet. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet vakanti. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.